31996D0675

L 313/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 3.12.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Novembru 1996

li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunkati u gastropodi marini ħajjin li joriġinaw fiċ-Ċilì

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(96/675/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi l-leġislazzjoni taċ-Ċilì tagħmel responsabbli lis- 'Servicio Nacional de Pesca (Sernapesca)' mill-ispezzjon tas-saħħa tal-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunkati u l-gastropodi tal-baħar ħajjin u mill-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet ta' l-iġjene u tas-sanità fil-produzzjoni; billi l-istes leġislazzjoni tagħti s-setgħa lis-Sernapesca li tawtorizza jew tipprojbixxi il-ġbir tal-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunkati u l-gastropodi tal-baħar ħajjin minn ċerti żoni;

Billi s-Sernapesca u l-laboratorji tagħha għandhom il-kapaċità li jivverifikaw b'mod effettiv l-applikazzjonijiet tal-liġijiet fis-seħħ fiċ-Ċilì;

Billi l-awtoritajiet kompeteni taċ-Ċilì ndaħlu li jikkomunikaw b'mod regolari u malajr lill-Kummissjoni l-infomazzjoni dwar il-preżenza ta' plankton li jkun fih it-tossini fiż-żoni tal-ġbir;

Billi l-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċilì pprovdew assigurazzjonijiet uffiċċjali rigward il-konformità mal-ħtiġijiet speċifikati fil-Kapitolu V ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE u mal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva għall-klassifika taż-żoni tal-produzzjoni u tad-dispaċċ mill-ġdid, l-approvazzjoni taċ-ċentri tad-dispaċċ u tat-tisfija u tal-kontroll tas-saħħa pubblika u l-monitoraġġ tal-produzzjoni; billi, b'mod partikolari, kull bidla possibbli fiż-żoni tal-ġbir għandha tiġi kkomunikata lill-Komunità;

Billi ċ-Ċilì huwa eliġibbli sabiex jiġi inkluż fil-lista tal-pajjiżi terzi li jwettqu l-kondizzjonijiet ta' l-ekwivalenza riferiti fl-Artikolu 9(3)(a) tad-Direttiva 91/492/KEE;

Billi ċ-Ċilì jixtieq jesporta lejn il-Komunità molluski bivalvi, ekinodermi, tunkati u gastropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċessati;

Billi, għal dan il-għan, skond l-Artikolu 9(3)(b) (ii) tad-Direttiva 91/492/KEE, iridu jiġu nnominati ż-żoni tal-produzzjoni li minnhom jistgħu jinġabru u jiġu esportati lejn il-Komunità l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunkati u l-gastropodi tal-baħar;

Billi l-kondizzjonijiet speċjali ta' l-importazzjoni japplikaw mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tirrigwarda l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-akwakultura [2], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/22/KEE [3];

Billi l-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Is-'Servicio Nacional de Pesca (Sernapesca)' għandu jkun l-awtorità kompetenti fiċ-Ċilì sabiex jivverifika u jiċċertifika illi l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunkati u l-gastropodi tal-baħar ħajjin jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/492/KEE.

L-Artikolu 2

Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunkati u l-gastropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċesati li joriġinaw fiċ-Code en erreur: 8eVilì u maħsuba għall-konsum mill-bniedem iridu jkunu oriġinaw fiż-żoni awtorizzati tal-produzzjoni elenkati fl-Anness mehmuż ma' hawn.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Novembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1.

[2] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.

[3] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 1.

L-ANNESS

A: **Iż-żoni tal-produzzjoni li jikkonformaw mad-dispożizzjoni stabbilita fl-Anness I, 1 (a) mad-Direttiva 91/492/KEE**

In-Numru tal-kodiċi	Il-Konfini ġeografiċi
03002	BAHÍA FLAMENCO
03003	BAHÍA INGLESA
04102	BAHÍA GUANAQUEROS
04103	BAHÍA TONGOY
05001	CALETA HORCÓN
10204	CALETA RILÁN
10205	ISLA QUEHUI
10206	PUNTA PULLAO
10207	CHEQUIAN
10208	MATAO

B: **Iż-żoni tal-produzzjoni li jikkonformaw mad-dispożizzjoni stabbilita fl-Anness I, 1 (b) mad-Direttiva 91/492/KEE**

In-Numru tal-kodiċi	Il-Konfini ġeografiċi
04101	BAHÍA COQUIMBO
08101	TUBUL
10101	CALBUCO
10102	MAULLÍN
10103	CARELMAPU
10201	ANCUD
10203	DALCAHUE
10209	QUEILEN
10213	GOLFO DEL CORCOVADO
10216	ISLAS GUAPIQUILÁN
10301	VALDIVIA

C: **Iż-żoni tal-produzzjoni li jikkonformaw mad-dispożizzjoni stabbilita fl-Anness I, 1 (ċ) mad-Direttiva 91/492/KEE**

In-Numru tal-kodiċi	Il-Konfini ġeografiċi
10214	QUELLÓ